# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 21 ta' Dicembru, 2001

## Avviz numru : 68/2001GT(GM)

**Is-socjeta' kummercjali Dominic Department Stores (DDS) Ltd**

**-vs-**

**Bruno Tucci**

**It-Tribunal ;**

**Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ghall-hlas ta' tliet mija u sitta u hamsin lira Maltin (Lm356) rapprezentanti in kwantu ghal mitejn u sitta u tmenin lira maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm286.84) prezz tal-bejgh ta' merci li gew mibjugha lill-konvenut u kkonsenjati u in kwantu ghal disgha u sittin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm69.16) imghaxijiet skond il-ligi mid-data tal-bejgh u konsenja ta' l-istess oggetti sal-15 ta' Lulju 2001.**

**Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.**

**Bl-ispejjez ukoll ta' l-ittra interpellatorja tas-6 ta' April 1999 u ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' Lulju 2000.**

**Bl-imghaxijiet ulterjuri mill-15 ta' Lulju 2001 sal-effettiv pagament.**

**Ra l-ewwel zewg eccezzjonijiet fir-risposta tal-konvenut u cioe:**

1. **Illi in linea preliminari l-gudizzju mhux integru stante illi mart il-konvenut mhux parti fil-kawza.**

2. **Illi t-talbiet attrici huma preskritti ai termini ta' l-Artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili (Kap 16).**

3. **Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici mhux dovut.**

4. **Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba attrici ghall-imghaxijiet mid-data tal-konsenja sal-15 ta' Lulju 2001 ma tistax tigi akkolta.**

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.**

**Sema' d-deposizzjoni ta' Dominic Sultana direttur tas-socjeta' attrici.**

**Ikkunsidra**

**Illi kwantu ghall-ewwel eccezzjoni, in negozju de quo agitur konistenti f'xiri ta' bicikletta u oggetti ohra intizi bhala rigali ghat-tfal, zgur li jaqghu fl-ambitu ta' atti ta' amministrazzjoni ordinarja u ghalhekk setghu jinxtraw mill-konvenut minghajr il-kunsens ta' martu u daqstant iehor jista' jigi, wahdu, imharrek ghall-hlas tal-istess;**

**Illi kwantu ghat-tieni eccezzjoni, jirrizulta mid-dokumenti prodotti minn Dominic Sultana li l-konvenut huwa dispost ihallas dak li hu dovut purke' s-socjeta' attrici thallsu ta' dak li, almenu skond kif qed jallega l-istess konvenut, huwa dovut lilu mill-istess socjeta'. Dan jammonta ghal ammissjoni u ghalhekk il-perjodu preskrittiv jinstab indubitament interrott;**

**Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jirrigetta l-ewwel u t-tieni eccezzjoni u stante li t-talba tas-socjeta' attrici giet sodisfacentement ippruvata kif ukoll billi l-konvenut la deher ghas-seduta tal-20 ta' Dicembru 2001 u l-anqas ghal dik tallum, u ghalhekk japplika l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, jilqa' t-talba attrici purke' limitatament kif sejjer jinghad u jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' Lm286.24 prezz ta' bejgh ta' merci lilu mibjugha u kkunsinnati bl-imghax mit-18 ta' Lulju 2000 sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-avukat li ppatrocina lis-socjeta' attrici fl-istanti, tal-ittra interpellatorja tas-6 ta' April 1999 u tal-ittra ufficcjali tat-18 ta' Lulju 2000.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**

**(ft) Eva Buttigieg**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**